



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14550/16

UEM 365

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-audituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-audituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'...

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE

dwar l-audituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali,

fir-rigward tal-audituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkmandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2016 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-audituri esterni tal-Bank Ċentrali tal-Irlanda (BĊE/2016/29)¹,

¹ ĠU C 413, 10.11.2016, p. 1.

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na h-Éireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda skada wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2015. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2016.
- (3) Banc Ceannais na h-Éireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda għażel lil Mazars bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkmanda li Mazars jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na h-Éireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.
- (5) Wara r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE¹ tiġi emadata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal- 25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mazars huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President